MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2009

Numru. 1167/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMUND CUSCHIERI**

**KONTRA**

**JOSEPH SCHEMBRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Schembri ta’ 39 sena, bin Bertu u Giovanna nee’ Micallef, mwieled Mosta, nhar id- 9 ta’ Mejju 1969, residenti fil- fond 62, Oleander, Triq il- Kahwiela, Mosta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 190169(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fid- 9 ta’ Ottubru 2008 u fil- jiem u xhur ta’ qabel f’dawn il- Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bhala persuna li kellu jiehu hsieb li jhaffer borehole jew li wettaq xi forma ta’ xoghol ta’ thaffir f’zona ta’ saturazzjoni, naqas li jipprezenta applikazzjoni bill- miktub lill- Awtorita’;

2) Akkuzat ukoll talli fid- 9 ta’ Ottubru 2008 u fil- jiem u xhur ta’ qabel f’dawn il- Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, bhala utent kellu jinforma lill- korporazzjoni bl- ezistenza tar- riggijiet, kollha kemm jekk registrati mal- Pulizija u kemm jekk le, li fuqhom kellu l- kontroll effetiv tal- uzu;

3) Talli wkoll nhar id- 9 ta’ Ottubru 2008 ghall- habta tal- 10.30pm f’ghalqa li tinsab f’ Halbet il- Warda limiti tal- Mosta wahdu jew flimkien ma’ ohrajn haffer borehole jew ghamel xi xoghol ta’ thaffir fiz- zona ta’ saturazzjoni, minghajr permess mahrug mill- Awtorita’ skond dawn ir- regolamenti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi r-reat in kwistjoni gie kommess fiz-zmien meta kienet ghadha applikabbli l-Avviz Legali 120/1997, li sussegwentement giet mibdula bl-Avviz Legali 254/2008, li dahlet fis-sehh fis-7 ta’ Ottubru, 2008.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi hu kien qieghed biss inaddaf “borehole” gia’ esistenti, u ma kienx qed ihaffer wahda gdida minghajr permess;

Semghet ukoll l-Ufficjal tal-Malta Resources Authority, li spjega li anke t-tindif ta’ “borehole” jirrekjedi tali permess, u dan it-tindif kien qieghed isir f’ “borehole” li ma kienetx registrata mal-Awtorita’;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti trid bil-fors issib htija fih u tghaddi biex tikkunsidra l-piena idoneja ghall-kaz. Irrizulta li l-imputat kien qed jaghmel xoghol ta’ tindif fuq “borehole” mhux registrata f’xi zmien qabel id-9 ta’ Ottubru 2008 fil-lok indikat. L-Avviz Legali 254 tal-2008 dahal fis-sehh fis-7 ta’ Ottubru 2008, izda irrisulta li l-imputat kien qed jaghmel xoghol ta’ tindif xi zmien qabel din id-data, u ghalhekk il-ligi applikabbli ghal dan il-kaz hi l-Avviz Legali 120 tal-1997. Mad-daqqa t’ ghajn, dawn iz-zewg Avvizi Legali huma differenti minn xulxin. Bizzejjed wiehed jaghmel riferenza ghall-pieni, fejn qabel kellek multa ta’ bejn l-erbat elef u t-tmint elef lira Maltin, ekwivalenti ghal €9,320 u €18,630. Illum il-piena tvarja bejn multa minima ta’ €20,000 u massima ta’ €50,000, jew prigunerija bejn tnax u tmintax-il xahar, jew multa u prigunerija flimkien. Kwantu ghall-piena, taht l-Avviz Legali 120 tal-1997, il-Qorti m’hix prekluza milli tapplika provvedimenti taht il-Kap 446, haga li f’dan il-kaz tara bhala idoneju aktar mill-multa indikata, kemm in vista tal-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija u mal-Awtoritajiet, kif ukoll in vista tal-fedina penali tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli  18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U r-Regolamenti 3, 4 u 6 tal-Avviz Legali 120 tal-1997;
U r-Regolamenti 4, 5 u 15 tal-Avviz Legali 254 tal-2008;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------